# FULJETT INFORMATTIV FUQ IR-REGOLAMENTI DWAR IL-KAĊĊA TAL-GĦASAFAR U L-KAĊĊA U T-TEHID BIX-XIBKA TAL-FENEK SELVAĠĠ

## A. TAGĦRIF ĠENERALI

Dan il-fuljett huwa maħsub biss biex jagħti spjegazzjoni ħafifa tar-regolamenti, wieħed għandu dejjem jirreferi għar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42[1]). Fil-każ tal-kaċċa u t-teħid tal-fenek wieħed għandu jirreferi għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ (L.S. 549.90[2]), u fil-każ tal-kaċċa fil-Park tal-Majjistral wieħed għandu jirreferi għar-Regolamenti li jistabbilixxu Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (L.S.549.48[3]) u r-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (L.S.549.83[4]). Importanti li tkun familjari kemm mal-informazzjoni ġenerali li tinstab f'dan il-fuljett kif ukoll mal-informazzjoni speċifika skont il-liċenzja li għaliha ser tapplika:

- Sezzjoni D: Kaċċa għall-għasafar minn fuq l-art
- Sezzjoni E: Kaċċa għall-għasafar minn fuq il-baħar
- Sezzjoni F: Kaċċa u teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka

## B. DOKUMENTI U PERMESSI MEĦTIEĠA

Il-Kaċċa għall-għasafar u l-fenek selvaġġ, kif ukoll t-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka, jistgħu jsiru b'liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

Fi kwalunkwe mument waqt il-kaċċa jew waqt li wieħed jivjaġġa mis- jew għas-sit fejn qed issir il-kaċċa, il-persuna għandha dejjem ikollha fil-pussess tagħha dawn id-dokumenti:

a. Liċenzja valida tal-kaċċa maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;
b. Ktejjeb tal-kaċċa maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, bit-timbri t'għaqda rikonoxxuta tal-kaċċa;
c. Il-liċenzja tal-pulizija għal dik is-sena li l-kaċċa qed tiġi prattikata;
d. Permess tal-arma maħruġ mill-pulizija;
e. Prova ta' assigurazzjoni valida għal dak il-perjodu fejn il-kaċċa ħa tiġi prattikata.

F'każ ta' kaċċa matul perjodu ta' kwalunkwe deroga, il-kaċċatur għandu jkollu fil-pussess tiegħu l-liċenzja speċjali relevanti maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, flimkien mad-dokumenti hawn fuq imsemmija, għal dik id-deroga speċifika.

Ebda persuna li tkun għall-kaċċa tal-għasafar jew għall-kaċċa jew it-teħid tal-fenek selvaġġ ma tista' tidħol f'raba', għelieqi, artijiet jew reċint ieħor ta' terzi persuni kontra r-rieda tagħhom.

## Ċ. RAPPURTAR TA' SPEĊI MAQBUDA

Matul kwalunkwe staġun tal-kaċċa, il-kaċċaturi huma legalment obbligati li jirrappurtaw l-ispeċi li jaqbdu permezz tas-sistema telefonika tar-rappurtar billi jċemplu fuq in-numru 8000 2020, li huwa mingħajr ħlas u

[1] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=2
[2] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11483&l=2
[3] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11559&l=2
[4] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=12071&l=2

jsegwu l-istruzzjonijiet mogħtija. Wieħed jista' wkoll juża l-app tal-mowbajl imsemijja '*Game Reporting MT*' li tista' titniżżel mingħajr ħlas kemm min fuq Android Play Store kif ukoll min fuq l-Apple App Store.

Fil-Ħarifa, il-kaċċaturi huma obbligati li jirrappurtaw l-ispeċi maqbuda, il-kwantità u l-post minn fejn il-qabda saret billi jużaw waħda mis-sistemi msemmija hawn fuq qabel ma jitilqu mill-post. Fil-każ ta' kaċċa għal-Gamiema (kaċċabbli f'Settembru biss) u f'każ ta' kaċċa matul kwalunkwe deroga, r-rappurtar tal-ispeċi maqbuda għandu jsir immedjatament wara li ssir il-qabda.

F'Settembru, il-kaċċaturi huma wkoll obbligati jirrapurtaw meta ħarġu għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art iżda ma qabdu xejn, hekk imsejjaħ 'Hunting Effort'. Meta kaċċatur jirrapporta mill-inqas għasfur wieħed maqbud, m'hemmx bżonn li jirrapporta wkoll il-Hunting effort għal dik il-ġurnata ta' kaċċa.

Matul Settembru (u matul kwalunkwe perjodu ta' deroga), id-detenturi ta' liċenzja ġenerali huma obbligati wkoll li jirrappurtaw meta jkunu ħarġu għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art jew għall-fenek (kemm kaċċa u anki teħid) anke jekk ma jinqabad xejn, l-hekk imsejjaħ 'Hunting Effort'. Meta individwu jirrapporta mill-inqas għasfur jew fenek wieħed maqbud taħt il-kategorija speċifika tal-liċenzja ġenerali (bħall-kaċċa tal-għasafar fuq l-art jew il-kaċċa tal-fniek), ma jkunx hemm bżonn li tirrapporta l-hunting effort għal dak il-jum għal dik il-kategorija speċifika tal-liċenzja ġenerali. Il-hunting effort u kull informazzjoni li tista' tintalab mill-Wild Birds Regulation Unit f'termini ta' rappurtar hija skond ir-regolament 12(9) u Skeda IV(ċ) ta' S.L.549.42 u regolament 5(11)(ċ) ta' S.L.549.90.

Min ma jirrappurtax xi jkun qabad waqt staġun miftuh permezz tas-sistem telefonika jew il-Mobile App ikun qed jikser il-liġi u huwa suġġett għall-multi indikati fil-liġi. Aktar informazzjoni kif tuża is-sistema telefonika u n-numri abbonati mal-ispeċi u mal-mappa ta' Malta u Għawdex tinstab fil-ktejjeb tal-kaċċa li jinħareġ lil kull kaċċatur liċenzjat.

## D. KAĊĊA GĦALL-GĦASAFAR MINN FUQ L-ART

### Għasafar li jistgħu jiġu ikkaċċjati

Waqt l-istaġun miftuħ tal-ħarifa/xitwa għall-kaċċa minn fuq l-art, jistgħu jiġu ikkaċċjati biss dawk l-għasafar li jinsabu fl-Annessi A u B ta' dan il-fuljett.

### Staġun miftuħ u ħinijiet li fihom tista' ssir il-kaċċa

L-istaġun miftuħ tal-ħarifa/xitwa għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art huwa mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Jannar, iż-żewġ dati inklużi. Il-ħinijiet li fihom hija permessa l-kaċċa huma kif jidhru hawn taħt :

Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Jannar

- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn (2) wara nżul ix-xemx mit-Tnejn sas-Sibt.
- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi.

Mill-15 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru

- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-sebgħa ta' filgħaxija (7pm) mit-Tnejn sas-Sibt.
- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi.

### Ġarr tal-arma tan-nar

L-arma tan-nar ma tistax tiġi sparata, jew tinġarr ikkargata, jew barra mill-għata tagħha:

1. waqt l-istaġun magħluq u f'ħinijiet ipprojbiti;
2. f'Santwarji tal-Għasafar (elenkati f'Sezzjoni I);
3. fi Xtajtiet Protetti u f'medda ta' 50 metru mid-delineazzjoni tagħhom (elenkati f'Sezzjoni J);
4. ġewwa jew minn fuq vettura bil-mutur;
5. f'distanza ta' inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew raħal jew postijiet oħra abitati;
6. f'distanza ta' inqas minn 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali;
   - iżda kaċċatur jista' jispara f'inqas minn 50 metru distanza fil-każ ta' toroq sekondarji u mogħdijiet fil-kampanja;
   - iżda s-senter qatt m'għandu jkun immirat fid-direzzjoni ta' kwalunkwe triq jew mogħdija.

## E. KAĊĊA GĦALL-GĦASAFAR MINN FUQ IL-BAĦAR

### Staġun miftuħ u ħinijiet li fihom tista' ssir il-kaċċa

L-istaġun miftuħ għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq il-baħar huwa mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar, iż-żewġ dati inklużi. Il-ħinijiet li fihom hija permessa l-kaċċa huma kif jidhru hawn taħt:

<u>Mill-1 ta' Ottubru sas-7 ta' Ottubru</u>

- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-sebgħa ta' filgħaxija (7pm) mit-Tnejn sas-Sibt.
- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi.

<u>Mit-8 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar</u>

- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn (2) wara nżul ix-xemx mit-Tnejn sas-Sibt.
- Minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi.

### Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati

Waqt l-istaġun miftuħ għall-kaċċa minn fuq il-baħar, jistgħu jiġu kkaċċjati biss dawk l-għasafar li jinsabu fl-Anness A ta' dan il-fuljett.

### Ġarr tal-arma tan-nar

Ebda persuna ma tista' ġġorr munizjon jew arma tan-nar waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa minn fuq il-baħar ħlief meta tkun qed taqsam bejn Malta u Għawdex permezz tat-trasport pubbliku.

Waqt l-istaġun miftuħ għall-kaċċa minn fuq il-baħar ebda persuna ma tista' tikkaċċja jew iżżomm l-arma tan-nar ikkargata jew barra l-għata tagħha f'distanza ta' inqas minn 3 kilometri 'l boghod mill-kosta.

### L-opra tal-baħar

L-opra tal-baħar għanda tkun reġistrata mal-awtoritajiet kompetenti.

Waqt li wieħed jkun qiegħed għall-kaċċa, l-opra tal-baħar m'għandhiex tinsaq b'iżjed minn 5 kilometri fis-siegħa f'kull ħin waqt il-kaċċa. Iżda, fil-baħar miftuħ, għal raġunijiet ta' sigurtà, jista' jiġi awtorizzat l-użu ta'

dgħajsa jew opra tal-baħar b'veloċità massima ta' 18-il kilometru fis-siegħa esklussivament sabiex wieħed jkun jista' joħroġ u jitħol lejn l-art minħabba s-sigurta' tal-persuna / persuni kkonċernati.

## F. KAĊĊA U TEĦID TAL-FENEK SELVAĠĠ BIX-XIBKA

**Staġun miftuħ għall-kaċċa u t-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka**

L-istaġun miftuħ għall-kaċċa jew teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka huwa mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru, iż-żewġ dati nklużi.

**Ħinijiet li fihom tista' ssir il-kaċċa għall-fenek selvaġġ**

Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru

- minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn (2) wara nżul ix-xemx mit-Tnejn sas-Sibt.
- Fil-Ħdud u festi pubbliċi tista' ssir minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm).

Mill-15 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru

- minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-sebgħa ta' filgħaxija (7pm) mit-Tnejn sas-Sibt.
- minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi.

**Ħinijiet li fihom jista' jsir t-teħid għall-fenek selvaġġ bix-xibka**

L-insib jista' jsir fi kwalunkwe ħin waqt l-istaġun miftuħ mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru.

**Metodi li jistgħu jintużaw għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ**

Il-kaċċa tal-fenek selvaġġ tista' ssir biss b'senter jew *rifle* tal-arja (*air rifle*). Kwalunkwe metodu ieħor huwa pprojbit.

Senter li jkun liċenzjat biex jintuża għall-kaċċa ma jistax ikun mgħammar b'magazzin li jista' jesa' aktar minn żewġ skrataċ fl-istess ħin.

Il-munizzjon li jista' jintuża huwa biss:

- skrataċ ikkargati b'ċomb ta' daqs mhux aktar minn 3.3mm fid-dijametru.
- *pellets* għal *rifles* tal-arja.

L-użu ta' dawl artifiċjali waqt il-kaċċa huwa pprojbit.

**Metodi li jistgħu jintużaw għat-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka**

Il-qbid tal-fenek selvaġġ jista' jsir biss bl-użu tal-klieb, nemes li jkun imlibbes sarima il-ħin kollu u/jew xbieki għall-fenek li m'għandhom qatt jitħallew waħedhom fl-ebda ħin. L-użu ta' arma tan-nar huwa pprojbit waqt it-teħid tal-fenek bix-xibka.

In-nassab tal-fenek selvaġġ jista' juża dawl baxx sakemm huwa neċessarju għall-attività, iżda m'għandux jiddisturba ebda speċi oħra.

Ebda persuna ma tista' tuża xbieki wieqfa, xbieki tal-arja jew imnasab jew kull tip ta' xbieki oħra li jistgħu jaqbdu speċi oħrajn.

**Postijiet li fihom tista' ssir il-kaċċa tal-fenek selvaġġ**

Il-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ tista' ssir:

Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru minn: Minn kwalunkwe post ieħor fejn hija permessa il-kaċċa.

**Postijiet fejn ma tistax issir il-kaċċa u restrizzjonijiet rigward il-ġarr tal-arma tan-nar**

L-arma tan-nar ma tistax tiġi sparata, jew tinġarr ikkargata, jew barra mill-għata tagħha:

1. fis-Santwarji tal-Għasafar (elenkati f'Taqsima I);.
2. fix-Xtajtiet Protetti u f'medda ta' 50 metru mid-delineazzjoni tagħhom (elenkati f'Taqsima J);
3. ġewwa jew minn fuq vettura bil-mutur.
4. f'distanza ta' inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew raħal jew postijiet oħra abitati.
5. f'distanza ta' inqas minn 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali.

- iżda l-kaċċa tista' ssir f'inqas minn 50 metru distanza fil-każ ta' toroq sekondarji u mogħdijiet fil-kampanja.
- iżda s-senter qatt m'għandu jkun immirat fid-direzzjoni ta' kwalunkwe triq jew mogħdija.

**Postijiet li fihom jista' jew ma jistax isir it-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka**

It-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka jista' jsir fi kwalunkwe post sakemm ma jkunx f'xi żona ristretta. Iż-żoni ristretti għat-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka huma:

- Is-Santwarji tal-Għasafar;
- Ix-Xtajtiet Protetti u f'medda ta' 50 metru mid-delineazzjoni tagħhom;
- F'distanza ta' inqas minn 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali;
- F'żona ta' inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal jew post abitat;
- Iż-żona ta' Rdum il-Madonna hekk kif indikat fuq il-mappa li tinsab mar-regolamenti

## Ġ. METODI MHUX PERMESSI GĦALL-KAĊĊA

L-arma tan-nar li tkun liċenzjata biex tintuża għall-kaċċa ma tistax tkun mgħammra b'magazzin li jista' jesgħa aktar minn żewġ skrataċ fl-istess ħin.

Ebda persuna ma tista' tbiegħ, tesponi għall-bejgħ, iġġorr, ikollha fil-pussess tagħha, tispara jew tuża, timporta jew timmanifattura, xi skrataċ ikkargati b'xi ċomb ta' daqs aktar minn 3.3mm fid-dijametru.

Dawn il-metodi li ġejjin ma jistgħux jintużaw għal skop ta' kaċċa jew insib:

1. nases, kolol inklużi kolol tal-għasafar, lixki velenużijew li jħeddlu, snanar jew xi sustanzi jew metodi simili;
2. xi apparat li jagħti xokk elettriku;
3. xi sors ta' dawl artifiċjali, mirja, apparat li jitfa' d-dawlfuq xi oġġett jew apparat li jgħin biex wieħed jara bil-lejl li jkun fih apparat elettroniku li jkabbar jew jikkonverti x-xbiha;

4. xi gass, jew apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar;
5. xbieki, inklużi dawk magħrufa bħala ranja, xbieki tal-arja, u kull tip ta' xibka wieqfa;
6. kull tip ta' trabokk, kemm bix-xibka kemm mingħajrha;
7. għasafar ħajji tat-taħrik li jkunu ġew mogħmija jew sfreġjati
8. għasafar ħajjin tat-taħrik miżmuma b'kull mezz minbarra dawk miżmuma bi spag tat-tajjar u torniket;
9. lixki ta' għasafar protetti;
10. splussivi; u
11. armi semi-awtomatiċi jew awtomatiċi b'kompartiment għall-iskrataċ li kapaċi jżomm iżjed minn żewġ tiri ta'munizzjon.

## Ħ. BEJTIET TAL-GĦASAFAR

Ebda persuna ma tista' tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu, teqred, tikkawża ħsara jew tneħħi b'kull mod, bejta u bajd tal-għasafar ta' kwalunkwe speċi.

Ħadd ma jista' jieħu mis-selvaġġ u jżomm bajd ta' xi għasfur li huwa protett, anki jekk vojt.

## I. SANTWARJI TAL-GĦASAFAR

Fis-Santwarji tal-Għasafar ħadd ma jista':

- jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jferi, jieħu jew jonsob għal xi għasfur jew fenek selvaġġ;
- fl-ebda żmien tas-sena, jkollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu, xi għasfur, jew xi fenek selvaġġ, ħaj jew mejjet;
- ikollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi arma tan-nar, munizzjon, għasafar tat-taħrik, xbieki jew xi mezz ieħor biex jikkaċċja jew jonsob, għall-għasafar jew għall-fenek selvaġġ.

Iżda kaċċatur jew nassab liċenzjat, jista' jgħaddi mit-toroq prinċipali f'Santwarju tal-għasafar waqt li jkun f'vettura miexja, u jkollu xbieki għall-insib, jew arma tan-nar mhux ikkargata u mingħajr skrataċ fil-magazzin, u li tkun fil-għata tagħha.

### Lista ta' Santwarji tal-Għasafar

1. l-madwar taċ-Ċimiterju tal-Addolorata kif jidher fil-mappa mehmuża ma'dawn ir-regolamenti u sa 50 metru minn kull ċimiterju ieħor f'Malta u Għawdex.
2. Kennedy Grove u s-Salini u l-madwar
3. Il-Ground tal- Isports tal-Marsa
4. San Anton u l-ġonna pubbliċi kollha
5. L-inħawi ta' *Portes-des-Bombes* li jinkludi is-Swar tal-madwar
6. Manoel Island
7. Il-madwar tal-Għadira fil-Bajja tal-Mellieħa
8. Il-Ħeliport f'Ta' Lambert, limiti ta' Għajnsielem u Xewkija, Għawdex, udawk l-inħawi tal-madwar sa 200 metru.
9. Sa 200m mill-Ajruport ta' Ħal Luqa u sa 50m mid-dawl li juri it-triq għar-*runways*
10. Il-Gżira ta' Kemmuna
11. Il-Gżira ta' Filfla
12. Il-Palazz tal-Verdala u l-Buskett
13. L-Għoljiet Ta' Ċenċ

14. Il-Kumpless ta’ Ta’ Qali magħduda l-inħawi fejn qabel kien użat bħala ajruport u l-art li tmiss miegħu
15. Sa 50m mill-Istazzjoniet tar-Radju mħaddma mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili
    a. F’Bengħajsa, Birżebbuġa
    b. Fl-Għoljiet ta’ Ħad-Dingli
    c. F’Wied Rini, ir-Rabat
    d. *Non-directional Beacon*, Forti San Rokku, Rinella
    e. l-Istazzjon tal-VOR f’Kerċem
16. Is-Simar fir-Ramla tal-Pwales, San Pawl il-Baħar
17. Il-madwar tal-bur salmastru f’ Tal-Ballut ta’ Marsaxlokk
18. Il-Gżejjer ta’ San Pawl
19. Il-Girgenti
20. Wied Għollieqa
21. Il-Qawra, Għawdex
22. L-Għolja Ta’ Għammar, Għawdex

Il-limiti ta’ dawn is-Santwarji tal-Għasafar huwa ppublikat fuq mapep fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (LS 549.42).

## J. XTAJTIET PROTETTI

Ebda persuna m’għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tonsob jew tipprova tonsob, iġġorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew jispara xi arma tan-nar fix-xtajtiet msemmija hawn taħt u sa 50 metru ‘l barra mill-linji ta’ delinjazzjoni skont il-pjanti mehmuża fir-regolamenti :

| *Malta* | *Għawdex* |
|---|---|
| Il-Bajja tal-Armier | Il-Bajja ta’ Mġarr ix-Xini |
| Il-Prajjiet (Anchor Bay) | Ir-Ramla l-Ħamra |
| Ir-Ramla ta’ Għajn Tuffieħa | Il-Bajja ta’ San Blas |
| Ir-Ramla taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay) | Ix-Xatt l-Aħmar |
| Il-Bajja tal-Ġnejna | Il-Bajja tax-Xlendi |
| Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay) | |

Il-limiti ta’ dawn ix-xtajtiet protetti huma ppublikati fuq mapep fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (LS 549.42).

## K. ŻONI SPEĊJALI TA’ KONSERVAZZJONI U RISERVI NATURALI FEJN IL-KAĊĊA HIJA PROJBITA

**Ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra**

Ebda persuna m’għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tonsob jew tipprova tonsob, iġġorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew jispara xi arma tan-nar minn ġewwa ir-riserva u dawk l-inħawi tal-madwar sa 200 metru. Irreferi għal L.S. 549.150[5] għal iżjed tagħrif.

[5] https://legislation.mt/eli/sl/549.150/20221206/mlt

**L-Għadira is-Safra u l-Iskoll tal-Għallis**

Ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tonsob jew tipprova tonsob, iġġorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew jispara xi arma tan-nar minn ġewwa din iż-żona. Irreferi għal G.N. 226 ta' 2021[6] għal iżjed tagħrif.

**Wied il-Fiddien u Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes)**

Ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu, iġġorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew jispara xi arma tan-nar minn ġewwa din iż-żona. Irreferi għal L.S.549.44[7] u n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 34 tal-2021 ippubblikata fit- 8 ta' Jannar, 2021[8] għal iżjed tagħrif.

Għal aktar informazzjoni dwar żoni speċjali ta' konservazzjoni u riservi naturali oħra fejn l-attivitajiet tal-kaċċa huma regolati, irreferi għall-websajt[9] tal-awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, li hija l-awtorità kompetenti għal tali nominazzjonijiet.

## L. Il-PARK TAL-MAJJISTRAL

**Ħinijiet li fihom permessi l-kaċċa u l-insib**

Il-konfini tal-Park tal-Majjistral huma ippublikati fuq mappa fir-Regolamenti li jistabbilixxu Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (LS 549.48).

Il-kaċċa għall-għasafar jew il-fenek selvaġġ fil-konfini tal-Park tal-Majjistral jista' isir;

a) F'Settembru, Ottubru, Novembru kif ukoll f'staġun ta' deroga għall-kaċċa fir-Rebbiegħa meta permessa, minn sagħtejn qabel titla' x-xemx san-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30pm) **iżda** kull nhar ta' Erbgħa u fil-festi pubbliċi l-kaċċa hija permessa sal-għaxra ta' filgħodu (10am) biss;
b) F'Diċembru u f'Jannar min sagħtejn qabel titla x-xemx sal-għaxra ta' filgħodu (10am);

L-insib għall-għasafar meta permess b'deroga u t-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka fil-konfini tal-Park tal-Majjistral jista' isir kuljum min sagħtejn qabel titla x-xemx sas-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar (14.30pm) matul l-istaġun miftuħ.

**Pussess ta' apparat tal-kaċċa, għasafar jew fniek slavaġ**

Ebda persuna ma' tista' tkun fil-pussess ta' xi apparat li jintuża għall-kaċċa tal-għasafar jew il-fenek selvaġġ jew inkella xi għasfur jew fenek selvaġġ ħaj jew mejjet f' xi ħin li ma tistax tkun għall-kaċċa fil-Park.

Iżda jekk persuna jkollha fil-pussess legali tagħha binja fiż-żona, dik il-persuna tista' tqiegħed l-arma tan-nar skargata, munizzjon jew apparat intiż għall-kaċċa, f'kompartiment imsakkar fl-istess bini.

---

[6] https://era.org.mt/wp-content/uploads/2021/02/GN-226-21.pdf
[7] https://legislation.mt/eli/sl/549.44/20101221/mlt
[8] https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Government%20Gazette/Government%20Notices/Pages/2021/01/GovNotices0801.aspx
[9] https://era.org.mt/

## M. DURI

Duri mibnija:

- fil-konfini ta' Santwarji tal-Għasafar jew,
- sa 200 metru mill-abitat u 50 metru minn toroq prinċipali,
- jew f'xi waħda mix-xtajtiet protetti elenkati

jitqiesu bħala illegali u għaldaqstant dawn jistgħu jitwaqqgħu b'ordni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

## GĦAL AKTAR TAGĦRIF

Wara li japplikaw għal permess tal-pulizija, individwi li jixtiequ jiksbu liċenzja tal-kaċċa jkunu mitluba jattendu kors obbligatorju u joqogħdu għal eżami bil-miktub immexxi mill-Wild Birds Regulation Unit. It-teħid tal-fenek bix-xibka mhuwiex suġġett għal permess tal-pulizija iżda l-applikanti xorta jridu jattendu l-kors obbligatorju dwar il-kaċċa u t-teħid tal-fniek u jgħaddu minn eżami qabel ma jkunu jistgħu jiksbu liċenzja ġenerali għat-teħid tal-fniek. L-appuntamenti jintbagħtu lill-applikanti prospettivi bil-posta. Apparti komponent ta' mistoqsija u tweġiba, l-eżami tal-kaċċa għall-għasafar fuq l-art u minn fuq il-baħar jinkludi wkoll numru ta' ritratti sabiex il-kandidat ikun jista' jiddistingwi bejn għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati legalment (ara Skedi annessi) u għasafar protetti. Il-kandidati jridu jkunu familjari mal-lista tal-għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati qabel ma joqogħdu għall-eżami tal-kaċċa tal-għasafar billi jirriċerkaw tali speċi fuq siti tal-internet affidabbli, jew sorsi rinomati oħra bħall-kotba (*field guides*).

Aktar tagħrif jista' jiġi miksub mit-Taqsima Tar-Regolamentazzjoni Għall-Għasafar Selvaġġi:

122 Triq Misraħ il-Barrieri
SANTA VENERA
✆ (+356) 22156102 / 22155607/8
🌍 https://mgoz.gov.mt/en/Pages/WBRU/Wild-Birds-Regulation-Unit.aspx
✉ wildbirds@gov.mt

## SKEDI

**ANNESS A**

Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati minn fuq il-baħar u minn fuq l-art skont ir-regolamenti.

| | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | ISEM XJENTIFIKU | Stampa Gwida |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Wiżża tal-Ful | Bean Goose | *Anser fabalis* |  |
| 2 | Wiżża Griża | Greylag Goose | *Anser anser* |  |
| 3 | Silfjun | Pintail | *Anas acuta* |  |
| 4 | Kuluvert | Mallard | *Anas platyrhynchos* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5 | Silfjun Ewropew | Wigeon | *Anas penelope* |  |
| 6 | Palettuna | Shoveler | *Anas clypeata* |  |
| 7 | Sarsella | Teal | *Anas crecca* |  |
| 8 | Sarsella Ħamra | Garganey | *Anas querquedula* |  |
| 9 | Brajmla | Pochard | *Aythya ferina* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 | Kuluvert Griż | Gadwall | *Anas strepera* |  |
| 11 | Brajmla tat-Toppu | Tufted Duck | *Aythya fuligula* |  |
| 12* | Wiżża tal-Kanada | Canada Goose | *Branta Canadensis* |  |

**ANNESS B**
Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati minn fuq l-art biss skont ir-regolamenti.

| | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | ISEM XJENTIFIKU | |
|---|---|---|---|---|
| 13 | Tiġieġa tal-Baħar | Coot | *Fulica atra* |  |
| 14 | Venewwa | Lapwing | *Vanellus vanellus* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 15 | Pluviera | Golden Plover | *Pluvialis apricaria* |  |
| 16 | Pluviera Pastarda | Grey Plover | *Pluvialis squatarola* |  |
| 17 | Alwetta | Skylark | *Alauda arvensis* |  |
| 18 | Summiena | Quail | *Coturnix coturnix* |  |
| 19 | Gamiema | Turtle Dove | *Streptopelia turtur* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 20 | Tudun | Wood Pigeon | *Columba palumbus* |  |
| 21 | Malvizz Aħmar | Redwing | *Turdus iliacus* |  |
| 22 | Malvizz | Song Thrush | *Turdus philomelos* |  |
| 23 | Sturnell | Starling | *Sturnus vulgaris* |  |
| 24 | Malvizzun tal-Qtajja | Fieldfare | *Turdus pilaris* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 25 | Malvizzun Prim | Mistle Thrush | *Turdus viscivorus* |  |
| 26 | Malvizz Iswed | Blackbird | *Turdus merula* |  |
| 27 | Bekkaċċ | Snipe | *Gallinago gallinago* |  |
| 28 | Ċinkonja | Jack Snipe | *Lymonocryptes minimus* |  |
| 29 | Gallina | Woodcock | *Scolopax rusticola* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 30 | Gallozz Iswed | Moorhen | *Gallinula chloropus* |  |
| 31 | Girwiel | Ruff | *Philomachus pugnax* |   |
| 32 | Gallozz tax-Xitwa | Water Rail | *Rallus aquaticus* |  |
| 33* | Perniċa Ħamra | Red Grouse | *Lagopus lagopus hibernicus / scoticus* |  |
| 34* | Perniċa Bajda tal-Blat | Rock Ptarmigan | *Lagopus mutus* |  |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 35* | Perniċa tal-Blat | Rock Partridge | *Alectoris graeca* |  |
| 36* | Perniċa Saqajha Ħamra | Red-legged Partridge | *Alectoris rufa* |  |
| 37* | Perniċa Griża | Grey Partridge | *Perdix perdix* |  |
| 38* | Faġan Komuni | Common Pheasant | *Phasianus colchicus* |  |
| 39 | Tudun tal-Ġebel† | Rock Dove | *Columba livia* |  |

** Ma jinstabx b'mod naturali fis-selvaġġ fil-Gżejjer Maltin*
*† It-tip nominat imħallat ma' ħamiem selvaġġ sa tali punt li, bħal f'postijiet oħra fil-biċċa l-kbira tal-firxa naturali tiegħu, jista' ma jibqax iseħħ fil-forma pura tiegħu fis-selvaġġ*